MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Numru. 541/2013

**Artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 94/69.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kenneth Haber)**

**vs**

**GIOVANNI CASSAR**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **GIOVANNI CASSAR** bin Francesco u Maria nee' Caminzuli, imwieled fil-21 ta' Awwissu, 1951 u residenti 66, Triq Mikiel Cachia, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 639051(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-10 ta' Dicembru, 2012, ghall-habta tas-14:15hrs gewwa Misrah Karlu Diacono, Zejtun:

(1) Waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAS-237, u riesaq lejn Pedestrian Crossing naqas li jnaqqas il-velocita' u jieqaf waqt li kienet qed tigi uzata mill-pubbliku.

(2) U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar lil Francesco Montebello u nvolontarjament ikkaguna offizi ta' naturar gravi skond kif iccertifika Dr. Charlene Magri M.D. mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li hu jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom okkorrenza li tinsab a fol. 2 et seq, certifikat mediku li jinsab a fol. 7 u affidavit ta' PS 827 E. Grech li jinsab a fol. 8 tal-Process.

Rat ir-Rapport ta' Dr. Alec Sultana pprezentat u kkonfermat fis-seduta tal-4 ta' Gunju, 2013.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Lulju, 2013 u mmarkat bhala Dok. HK1 a fol. 22 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. HK2 a fol. 23 , il-fedina penali mmarkata bhala Dok. HK3 a fol. 24 tal-Process u r-rapport mahluf mill kirurgu ta' Dr. Alec Sultana.

Illi nhar it-22 ta' Lulju, 2013 xehdet **Dr. Charlene Magri** u spjegat li fl-ghaxra (10) ta' Dicembru 2012 hija kienet ezaminat lil Francis Montebello u fuq X-Ray li gie mehud lilu kien ikkonfermat lid an kellu ksur tal-ghadma tan-naha tax-xellug tal-koxxa. Hija esebit dan ic-certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. CM1.

Illi nhar it-22 ta’ Lulju, 2013 xehed **PS 827 Edward Grech** u spjega li nhar l-10 ta’ Dicembru 2012 ghall-habta tas-saghtejn u kwart (14:15) ta’ wara nofs inhar gew nfurmati li f’Misrah Carlo Diacono z-Zejtun kien hemm incident tat-traffiku bejn vann u persuna li kienet ghadha kif giet imtajra. Hu mar immedjatament fuq il-post fejn sab lill-anzjan Frans Montebello li kien ghadu kif gie mtajjar li kien qed isofri minn xi griehi, ovvjament cempel ghall-ambulanza u ttiehed l-isptar Mater Dei.

Mill-investigazzjoni mizmuma minnu rrizulta li Frans Montebello gie mtajjar minn vann DAS 237 Toyota Hilux li dak il-hin kien misjuq minn Giovanni Cassar. Spjega li meta tkellem ma’ Giovanni Cassar dan qallu li hu kien gejn minn Vjal il-25 ta’ Novembru direzzjoni lejn Misrah Carlo Diacono u hekk kif wasal maz-zebra crossing li hemm f’nofs il-pjazza minn naha tal-lemin giet vettura ohra li harget minn Triq Luqa Briffa u qaghad ihares lejha biex jara x’manuvra ha taghmel il-karozza, fl-istess waqt Frans Montebello kien qieghed jaqsam minn fuq iz-zebra crossing bil-konsegwenza li laqtu bil-mera. Aktar tard sar jaf  minn Dr. Magri ta’ l-isptar Mater Dei li kien qieghed isofri minn griehi gravi.

Gie muri dokument minn fol. 2 sa fol. 6 tal-Process u spjega li hija l-okkorrenza redatta minnu  u li ffirmaha seduta stante. Mistoqsi jekk minn naha taghhom dakinhar setghux jiddeterminaw il-kors tal-incident x’gara ezatt jew kif sehh huwa spjega kif kien l-incident ezatt

kif kien qallu s-Sur Cassar u cioe li waqaf ezatt maz-zebra crossing, hu kien qieghed ihares lejn il-lemin minn Luqa Briffa ghax kienet gejja karozza ohra filwaqt li Frans Montebello qasamlu minn naha tax-xellug, fil-fatt anke stqarr li bhala hsarat tal-vann ighid intmisset biss il-mera li ghandu fuq in-naha tax-xellug, fil-fatt l-impatt kien veru zghir bejn il-vettura u l-persuna.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami gie mitlub ihares ftit lejn ir-*road accident report* u jezaminah ftit sabiex isirulu xi domandi fuqu. Huwa gie mistoqsi jekk dak li nizzel hemmhekk huwiex kelma b'kelma dak li qallu s-sewwieq u huwa wiegeb li dan il-kliem kollu li qallu Giovanni Cassar. Mistoqsi jekk hemmx xi kliem importanti li ma nizlux u spjega li fil-fatt meta jkollu kwistjonijiet hekk jaqrahielu darba, tnejn halli hu jkun cert x'ikun ha jikteb ezatt. Mistoqsi jekk qieghedx jaghraf lil Giovanni Cassar fl-Awla huwa gharfu bhala dak li hemm bilqieghda bhala l-imputat. Mistoqsi meta mar fuq il-post tal-incident fejn kien sab il-vann tas-Sur Cassar huwa kkonferma li kien fuq iz-zebra crossing. Gie mistoqsi jekk kienx ressaq il-midrub ghal fuq il-bankina jew x'imkien iehor spjega li fil-fatt Montebello kien ghadu hdejn il-vann u b'kumbinazzjoni kienet ghaddeja tabiba dak il-hin u kienet hi li tatu l-ewwel assistenza.

Illi nhar il-31 ta' Jannar, 2014 xehed l-**Ispettur Kenneth Haber** ipprezenta certifikat tal-mewt ta' Francesco Montebello mmarkat

bhala Dok. HH1 u spjega li dan miet fl-20 ta' Novembru, 2013 fl-isptar u cioe' pendente lite.

L-istess xhud in kontro ezami gie mistoqsi jekk irrizultalux il-kawza tal-mewt tieghu u kkonferma li ma kienx jaf. Spjega li qabel waqt li kienet ghaddejja l-kawza kien mar kemm-il darba l-isptar fejn kien qieghed rikoverat u dejjem qalulu li hu ma jistghax jiccaqlaq mill-isptar minhabba l-kundizzjoni illi kellu imma kundizzjoni ta' *old age*.

Rat illi din il-kawza giet assenjata flimkien ma' numru ta' kawzi ohra lil din il-Qorti b'digriet ta' assenjazzjoni datat 21 ta' April 2014 u din il-Qorti appuntat il-kawza ghal nhar il-5 ta' Mejju, 2014 meta l-partijiet talbu differiment u kien ghalhekk li din il-kawza giet differita ghas-26 ta Gunju 2014.

Illi nhar is-26 ta' Gunju, 2014 xehed l-imputat **Giovanni Cassar** minn jeddu u b'mod volontarju. **S**pjega li dakinhar tal-incident huwa kien ghadu kif mar il-Pitkalija u kien sejjer lura lejn iz-Zejtun u kien se jghaddi minn naha tal-Barrani. Ghadda minn tal-Barrani u kien sejjer lejn iz-Zejtun u spjega li fil-pjazza li tinfed Misrah Karlu Diacono hemm *zebra crossing*. Spjega li kien hemm zewg (2) minn nies fuqha li qasmu t-triq u huwa kien diga' wieqaf. Ghaddew dawk iz-zewg (2) minn nies li kienu fuq iz-*zebra crossing* u saq il-quddiem. Spjega li l-persuna li hu akkuzat li tajjar ghadda minn bejn zewg (2) karozzi.

Spjega li mhux minn quddiem ghaliex hu fil-fatt mill-mera li hemm fil-genb laqtu.

Mistoqsi jekk rax lill-persuna tohrog minn dawn iz-zewg karozzi spjega illi le, kieku kien jieqaf qabel. Miz-*zebra crossing* ghal wara tal-vann fil-fatt kien hemm *three* (3) *meters*. Effettivament spjega illi meta laqtu, ghalaqlu l-mera, sema' il-hoss u waqaf minnufih u ghalhekk xtaq jghid illi fejn instabet il-karozza meta gew il-Pulizija fuq il-post kien proprju l-post fejn gie milqut il-persuna.

Spega illi huwa minnu dak li qal hu lill-Pulizija fl-investigazzjoni li effettivament kien qed ihares lejn in-naha tal-lemin ghaliex kien hemm persuna qed issuq kif semma lill-pulizija li kien qed jiehu ir-rapport li kienet se taghmel *u-turn* u naturalment kien attent ghalih ghaliex kien se johroglu ghan nofs.

L-istess xhud in kontro ezami mistoqsi ghaliex huwa ma qalx din l-informazzjoni lill-Pulizija, spjega illi din hi l-ispjegazzjoni li ta lill-Pulizija pero' ma jafx jekk kitibiex il-pulizija. Jaf li naturalment dak il-hin huwa kien imbellah.

Semghet lill-partijiet jittattaw il-kaz fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2014 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-imputat huwa akkuzat bi-reat kif dispost fl-**artikolu 225 u 226 tal-kapitolu 9** tal-ligijiet ta' Malta u cioe li:-

*" b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar lil Francesco Montebello u nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Charlene Magri K.D. mill-M.D.H*".

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi *iuxta allegata et probate*. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb '*imprudenza*', '*negligenza*' jew '*traskuragni*' jew ta' hila, ta' *'imperizja'* fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu

prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi.

Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha *'colpa incosciente'* a differenza minn dik imsejha *'colpa cosciente'*, li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

<u>L-imprudenza</u> tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

<u>In-negligenza</u> tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

<u>L-imperizja</u> hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini**:-

"*L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto*".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku – Kap 65, il-High Way Code – Motor Vehicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kapitolu 9,** u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' talli kkaguna feriti ta natura gravi involontarji kif imfisser fl-**Artikolu 226 tal-Kapitolu 9** tal-ligijiet ta' Malta.

L-**artikolu 226 tal-Kapitolu 9** jiddisponi s-segwenti:

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna feriti gravi lil xi hadd …"*

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe':-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;
2. kkaguna l-feriti gravi ;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond* ***l-artikolu 225*** *tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

"*La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice liberta di valutazione*".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettall dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. *la volontarieta dell'atto;*
2 *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
3 *la possibilita di prevedere.*

Bhala konluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmex htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-**Artikoli 225 u 226**. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-*nexus* bejn il-feriti gravi tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema *nexus* irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

**"Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza

tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

**Sewqan bla kont** (*reckless driving)* hu deskritt fis-Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.

**Sewqan perikoluz** (*dangerous driving)* jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz.

**(**vide **Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain,** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950).

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah *"esprit de voiture"*. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Issa fil-kaz in desamina l-Qorti ma semghatx il-provi viva voce salv u b'eccezzjoni lill-imputat li xehed quddiemha b'mod volontarju nhar is-26 ta' Gunju 2014 pero' ghandha l-okkorrenza mehuda mill-pulizija a tempo vergine ta l-investigazzjoni li fil-kawza ta' kollizjonijiet hija prova relattivament importanti ghaliex generalment jigi konservat dak li jirrizulta lill-pulizija waqt l-investigazzjoni preliminari mizmuma minnha kif ukoll ix-xhieda tal-pulizija li rrediga din l-okkorenza u l-affidavit tal-kirurgu Dr Alec Sultana li kkonferma li l-feriti li sofra Frans Monebello kienu ta' natura gravi stante il-ksur li kellu.

Jirrizulta mill-provi prodotti li l-imputat kien qed isuq b'mod normali ghaddej minn tal-Barrani sejjer lejn iz-Zejtun u spjega li fil-pjazza li tinfed Misrah Karlu Diacono hemm *zebra crossing.* Qal li huwa waqaf ghaliex kien hemm zewg minn nies fuq iz-*zebra crossing* li xtaqu jghaddu. Qal li dak il-hin fuq in-naha tal-lemin tieghu kien hemm vettura li kienet ser tohrog ghan-nofs u taghmel U turn u ghalhekk kien attent ghaliha. Huwa saq il-quddiem u minn bejn zewg karozzi wieqfa hareg il-vittma Frans Montebello u baqa' diehel fil-mera tieghu. L-imputat jghid li ma l-impatt waqaf minnufih ghaliex sema il-hoss u l-mera inghaqet u induna li kien gara xi haga. Jghid li l-vettura halliha fil-post fejn sehh l-impatt li kien xi tlett metri 'l fuq miz-zebra crossing kif muri fl-isketch u dan il-hin kienet ghaddejja tabiba li tat il-first aid lill-vitma. Din it-tabiba pero' ma ngabitx mill-prosekuzzjoni sabiex tikkolobora l-fatt li l-vettura ma tresqitx mill-*ispot of impact*. Sfortunatament il-vittma lahaq miet fil-mori tal-kawza u ghalhekk ma xehdtx sabiex jaghti l-versjoni tal-fatti tieghu. Ghalhekk ma jirrizulax li kien hemm xi xhud li kkontradixxa x-xhieda tal-imputat. Pero' del resto lanqas il-provi cirkostanzjali ma jindikaw mod iehor. Dan qed jinghad ghaliex il-vettura instabet tlett metri 'l fuq miz-*zebra crossing*, jidher li l-impatt verament ma kienx qawwi u dan allura huwa ndikattiv li l-imputat ma kienx qed isuq bil-qawwi, li l-hsarat fuq il-vettura ta l-imputat kienu de minimis limitati ghal mera u ghalhekk il-Qorti tasal biex tghid li huwa probabli li l-vittma verament hareg minn bejn zewg vetturi ad insaputa ghall-imputat tant li ikkreja emergenza subitaneja lill-istess konducent. Ma kienx mistenni li l-imputat jigi rinfaccjat b'persuna hierga minn bejn zewg vetturi meta ftit l-isfel kien hemm proprju *zebra crossing*. L-agir tal-vittma ma kienx

mistenni. Ghalhekk abbazi tax-xhieda li ta l-imputat li tikkonferma il-versjoni tal-fatti kif spjegati minnu a tempo vergine tal-investigazzjoni meta s-surgent irrediga ir-rapport din l-akkuza ma tirrizultax provata b'mod sodisfacenti.

Fit-tieni lok l-imputat gie ukoll akkuzat bil-kontravenzjoni naxxenti mill-Avviz Legali 94/69 u cioe' waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAS-237, u riesaq lejn Pedestrian Crossing naqas li jnaqqas il-velocita' u jieqaf waqt li kienet qed tigi uzata mill-pubbliku.

Bhala fatt din il-kontravenzjoni ma tirrizutax tant li jirrizulta l-oppost mix-xhieda tal-imputat stess li mhi kontradetta minn hadd u lanqas mill-provi cirkostanzjali li huwa waqaf fuq iz-zebra crossing ghaddew zewgt minn nies u in segwitu rega' beda jsuq meta mix-xellug tieghu hareg il-vittma u baqa' diehel fil-mera tieghu. Konsegwentement din l-akkuza ukoll ma tirrizultax.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi l-Artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 94/69 tiddikjara li ma ssibx lill-imputat GIOVANNI CASSAR hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------